**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2017

Rikors Guramentat numru : 267/15 AL

**A sive P B**

**vs.**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima, mil-liema relazzjoni twieled tifel, L M D B ta' tlett (3) snin, li twieled fit- 8 ta' Awissu tas-sena 2012 bhalma jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tal-minuri hawn annessi u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet kienet wahda li mill-ewwel kellha l-problemi, ghaliex l-intimat qatt ma ried jahdem, kien vjolenti mal-esponenti anki meta kienet tqila bit-tarbija taghhom (ara certifikat mediku hawn anness u mmarkat bhala Dok B),kien jirikattha, kien jabbuza mid-droga u minkejja li l-esponenti sabitlu xoghol kien jmur ftit granet u jieqaf u wara saret taf illi kien jippreferri jmur jisraq milli jmur ghax-xoghol;

3. Illi l-intimat qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija u fil-fatt qieghed jirrisjedi gewwa l-Facilita Korretiva ta' Kordin u baqghalu hemm minn ta' l-inqas tlett snin ohra ghax instab hati fuq diversi akkuzi ta' serq u droga;

4. Illi l-intimat ghandu akkuzi ohra pendenti;

5. Illi l-intimat lanqas ghandu l-kapacita li jiehu hsieb lilu nnifsu ghax meta r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat u l-intimat ma baqghax jghix mal-esponenti kien spicca homeless u jorqod barra;

6. Illi l-esponenti kienet thassritu jorqod barra u dahlitu d-dar ghal ftit granet sakemm jsib fejn joqghod u flok apprezza l-ghajnuna taghha dan kien jargumenta maghha u kien sawwat lill-esponenti propju fid-dar taghha;

7. Illi tant mhuwiex bniedem affidabbli l-intimat illi recenti waqt illi qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija inghata l-opportunita illi jahdem barra u nqabad jdahhal id-droga gewwa l-facilita korretiva ta' Kordin;

8. Illi infethet medjazzjoni sabiex l-esponenti tiehu l-kura u l-kustodja tal-minuri ghax kienet qieghda ssib ostakoli minghajr il-kura u l-kustodja ghal edukazzjoni u affarijiet ohra;

9. Illi permezz ta' digriet bin-numru 1018/15 li nghata fis-16 ta' Ottubru 2015 il-Qorti ddecediet illi pendente lite l-kura u kustodja tal-minuri L tkun esklussivament f'idejn l-esponenti (ara dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok C)

10. Illi l-intimat qatt ma ta' kontribut ghat-tifel u qatt ma ta' ebda manteniment ghall-ibnu u lanqas meta kienet tqila qatt ma xtarha xejn ghat-tifel;

Talbet, ghar-ragunijiet fuq premessi, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provedimenti necessarji u opportuni:

1. Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri L M D B, esklussivament u permanentament f'idejn ir-rikorrenti ommu A B, b'dana illi kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, religjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluz hrug jew tigdid tal-passaporti tal-minuri, u b'mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed mir-rikorrenti wahedha minghajr il-bzonn tal-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens ta' l-intimat, u dana fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri;

2. Jigi iffisata manteniment xieraq ghall-bzonnijiet tat-tifel minuri meta johrog mill-habs.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat illi l-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat[1], naqas illi jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu, u għalhekk huwa kontumaċi;

Rat l-affidavit tal-attriċi u tax-xhieda minnha prodotti;

[1] Fit-18 ta' Diċembru 2015, riferta fol. 12

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza, b'dana illi l-partijiet ingħataw il-fakolta` li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet finali tagħhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ippreżentata mill-abbli difensur tal-attriċi;

Rat illi fl-ahhar mument, preċiżament fil-25 ta' April 2017, il-konvenut talab lill-Qorti biex tordna l-prolazzjoni tas-sentenza, l-attriċi opponiet u l-Qorti ċaħdet it-talba peress illi l-kawza ilha pendenti 'l fuq minn sentejn u għalhekk il-konvenut kellu żmien ampju li jressaq il-provi tiegħu;

Illi wkoll, fl-istess waqt li l-avukat difensur tal-konvenut ipprezenta r-rikors imsemmi, ma ndenjax ruħu jattendi għas-seduta tas-27 ta' April, 2017.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi afdata esklussivament bil-kura u l-kustodja t'iben il-partijiet ossia il-minuri L M D B, imwieled fit-8 t'Awwissu 2012 u rikonoxxut mill-intimat. Hija titlob ukoll li l-intimat iħallasha manteniment għall-minuri.

Il-fatti tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti[2]:

1. Il-partijiet kellhom relazzjoni intima li minnha twieled il-minuri L M. Il-partijiet qatt ma żżewġu flimkien, anzi r-

[2] L-affidavit tal-attriċi jinsab esebit fol. 17 et seq.

relazzjoni tagħhom sfaxxat fix-xejn wara diversi argumenti inklużi episodji vjolenti bejniethom;

2. Il-konvenut, li huwa minn Sqallija (Siracusa), ftit li xejn ħadem hawn Malta, u l-attriċi kienet titħassru jgħix fit-triq u aċċettatu f'darha (propjeta` tagħha li wirtet mingħand missierha) fejn tgħix hi flimkien ma' uliedha miż-żwieġ preċedenti tagħha. L-attriċi għenitu wkoll billi sabitlu diversi xogħolijiet, iżda l-konvenut wara ftit kien jitlaq;

3. Illi l-konvenut kien aggressiv u vjolenti diversi drabi fil-konfront tal-attriċi, bi swat, theddid, daqqiet ta' ponn, tixjir ta' skieken u dwar dan hemm esebiti[3] diversi rapporti tal-Pulizija u anke ċertifikat mediku[4]. Partikolarment interessanti huwa r-rapport li sar fit-3 t'Awwissu 2013[5], li ma sarx fuq talba tar-rikorrenti, imma l-Pulizija kienu għaddejjin mal-Kosta ta' San Pawl il-Baħat u lemħu lill-konvenut isawwat lill-attriċi fit-triq b'karkur!!

4. Ġie arrestat diversi drabi u akkużat il-Qorti mill-inqas erbatax-il darba kif jirriżulta mis-sentenzi esebiti[6]. Huwa nstab ħati b'diversi akkużi (serq, riċettazzjoni, użu t'ismijiet foloz, falsifikazzjoni ta' firem, pussess ta' drogi) li uħud minnhom jirrisalu sas-sena 2000 u cioe ferm qabel ma ltaqa' mal-attriċi; Il-Qrati tagħna tawh diversi ċansijiet għar-riforma, qabel m'ingħata sentenzi effettivi ta' priġunerija, iżda huwa nstab diversi drabi reċidiv;

5. Jirriżulta wkoll illi l-konvenut kien miżżewweġ mara Maltija, ċerta Claire Mifsud, iżda ż-żwieġ tagħhom ġie ddikjarat null mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta'

---

[3] Fol. 87 et. seq
[4] Fol. 6
[5] Dok. MC2 , fol. 90
[6] Minn Dr. Elizabeth Quintano, fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2016, Fol. 43 et seq.

Diċembru 2002[7]; Anke f'dan l-ewwel żwieġ, il-konvenut kien aggressiv fil-konfront ta' martu u rrendielha ħajjietha miżerja;

6. Lill-attriċi qatt m'għaddhielha manteniment għall-minuri; Anzi talabha s-somma ta' €3500 sabiex jgħaddilha l-kura u l-kustodja esklussiva ta' binhom;

7. Kemm l-attriċi kif ukoll ommha Joyce B[8] jsostnu li lill-minuri dejjem rabbietu l-attriċi weħidha u li hija dejjem tieħu hsieb il-bżonnijiet kemm tiegħu kif ukoll ta' uliedha oħra minn żwieġ preċedenti.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[9] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[10], il-Qorti kienet qalet illi *"la*

[7] Ċitazzjoni Numru:1097/2000RCP Kopja legali tas-sentenza tinsab esebita fol. 163
[8] Affidavit ta' Joyce Camilleri esebit fol. 27
[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

*cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [11] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[12] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[13].

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[13] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGAL GĦALL-KAŻ ODJERN

Il-Qorti tikkunsidra illi l-minuri, mit-twelid, dejjem ġie kkurat minn ommu l-attriċi. Ir-responsabilita` għall-għixien u t-trobbija tiegħu dejjem waqgħu fuqha, anke tenut kont illi l-konvenut xellef dufrejh mal-liġi diversi drabi u għalhekk qiegħed jiskonta diversi pieni ta' priġunerija fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Dana ċertament ma ffaċilitax il-ħolqien ta' rabta jew kuntatt bejn il-minuri u missieru. Illi l-konvenut, oltre li huwa min-natura tiegħu persuna vjolenti, instab diversi drabi ħati ta' diversi reati bħas-serq, falsifikazzjoni, pussess ta' droga u ħsara volontarja. Illi minkejja li l-Qorti tagħtu ħafna ċansijiet biex jirriforma ruħu, huwa m'għamilx l-isforz meħtieġ biex dan iseħħ u lanqas ma jikkollabora mal-awtoritajiet tal-ħabs[14]. Illi l-aġir tiegħu xejn ma huwa eżemplari, anzi huwa deplorabbli, u għalhekk fil-fehma tal-Qorti, jkun ferm aħjar għall-minuri li jibqa' jitrabba unikament minn ommu, mingħajr ebda forma ta' aċċess jew kuntatt mal-missier f'dan l-istadju. Il-Qorti pero` tkun tista' tvarja l-ordni tagħha jekk il-konvenut jġib prova li rriforma ruħu u dana qabel ma jkun tard wisq biex jibni relazzjoni ma' ibnu.

Illi in vista tan-natura vjolenti u kriminali tal-konvenut, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkorda il-kura u l-kustodja tal-minuri L M B D esklussivament u unikament f'idejn l-attriċi, li mit-twelid tiegħu ikkuratu skond l-aħjar abbiltajiet tagħha. Il-Qorti tikkonsidra wkoll li d-dar fejn tgħix l-attriċi hija propjeta` tagħha u mhux mikrija mingħand terzi, biex b'hekk il-Qorti tista' sserraħ rasha li l-minuri għandu saqaf fuq rasu.

Dwar il-manteniment, il-Qorti dejjem irritjeniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu

[14] Ara x-xhieda ta' Carmen Borg Correctional Manager fil-Faċilita` korrettiva ta' Kordin, mogħtija fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2016, fol. 40

assolut. Dana jfisser li kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat. Fil-każ odjern, missier il-minuri oltre li huwa diżokkupat, qed jiskonta pieni l-ħabs u l-fedina tiegħu hija mċappsa sewwa, tant li l-Qorti ma tarax xi prospetti kbar ta' impjieg meta joħroġ mill-Faċilita` Korrettiva. Lanqas ma tixtieq tistabilixxi xi manteniment għoli li jħossu kostrett li jerġa' jmur jisraq (minflok jaħdem) kif dejjem għamel u għalhekk jerġa jkun ta' dannu għas-soċjeta`. Pero` minkejja li s-sitwazzjoni fil-każ odjern hija bħalma jgħidu l-Ingliżi "flogging a dead horse", il-Qorti ma tistax tibgħat il-messaġġ li jekk tkun dieħel u ħiereġ il-ħabs, tista' ma tmantnix lil uliedek. Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-Qorti qiegħda tistabilixxi manteniment għall-minuri, pagabbli mill-konvenut lill-attriċi, fis-somma ta' sittin Ewro (€60) fix-xahar, li jitħallsu mid-data tal-preżenti, anke billi jittieħdu direttament minn kwalsiasi introjtu minimu li l-konvenut jista' jipperċepixxi sakemm għadu l-ħabs (jekk inhuwa l-każ), u iktar 'il quddiem l-istess manteniment jista' jinqata direttament minn kwalsiasi benefiċċju li jista' jkun qed jipperċepixxi l-konvenut.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri L D B qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ommu ir-rikorrenti A sive P B, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri

għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat;

2. tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta’ sittin Ewro (€60) fix-xahar, rappreżentanti manteniment għall-minuri L M;

Bl-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.